MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tat-13 ta' Mejju, 2009

Citazzjoni Numru. 147/2009

**Av. Philip Manduca bhala mandatarju specjali tas-socjeta` PUMA AG Rudolf Dassler Sport.**

**vs.**

**Dr. Mark Busuttil u l-Prokuratur Legali Victor Bugeja li b'digriet tat-12 ta' Marzu 2009 gew nominati bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lil Thrive Co. Limited.**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ir-rikors guramentat tal-attur *nomine* datat 17 ta' Frar 2009 a fol 1 tal-process fejn espona: -

Illi s-socjeta` attrici hi proprjetarja tal-marka “PUMA” registrat f’Malta bin-numru 13091 u tal-marka “Cat” registrat f’Malta bin-numru 13092

Illi dan l-ahhar l-konvenut ikkontravjena t-*trademark* in kwistjoni billi uza sinjal identiku mat-*trademark* ghar-rigward ta’ oggett li huwa identici ma’ dawk li dwarhom it-*trademark* tas-societa` attrici giet registrata u dan billi gab f’Malta kwantita` ta’ zraben bil-marki ta’ “Puma” liema oggetti mhumiex modelli tas-socjeta` attrici u ghandhom *“clear cut infingements of PUMA trademarks”*

Illi ghalhekk l-konvenut ikkaguna danni lis-socjeta` attrici.

Illi ghalhekk hemm lok li jsir il-qerda tal-oggetti fil-pussess u/jew spaccjati u jew prodotti u jew importati f’Malta mill-konvenut bil-marka proprjeta` tas-socjeta` attrici u dan kif provdut fl-**artikolu 15 tal-Att dwar it-*Trademarks* u l-att tmienja tas-sena 2000 Kapitolu 414 tal-ligijiet ta’ Malta** (EC 1383/2003).

Illi ghalhekk l-istess socjeta` attrici talbet lis-socjeta` konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:-

1. Tiddikjara li l-konvenut ikkontravjena t-*trademark* jew *trademarks* proprjeta` tas-socjeta` attrici u l-**Att tmienja (8) tas-sena 2000 Kapitolu 414 tal-Ligijiet ta’ Malta** u b’hekk ikkaguna danni lis-socjeta` attrici.

2. Tordna l-qerda tal-oggetti spaccjati u/jew prodotti u jew migjuba f’Malta fil-*containers* INKU6098160 u ECMU 9710778 u mill-konvenut bit-*trademark/s* tas-socjeta` attrici

Bl-ispejjez prezentati kontestwalment kontra l-konvenut li hu ingunt ghas-subizzjoni. B’riserva ghal azzjoni ta’ danni.

Rat il-lista tax-xhieda id-dokumenti a fol. 2 sa 5 tal-process.

Rat id-digriet datat 12 ta’ Marzu 2009 fejn gew nominati l-kuraturi deputati sabiex jidhru ghall-entita’ intimata.

Rat li dan ir-rikors gie appuntat ghas-smigh ghas-seduta tal-12 ta’ Mejju 2009, b’dan illi l-Qorti ordnat lis-socjeta` attrici sabiex sa zmien tletin (30) gurnata minn dak inhar stess tipprezenta l-affidavits taghha u tax-xhieda minnha ndikati, li jistghu jsiru bil-procedura ta’ l-affidavit, bid-dokumenti kollha relattivi, bin-notifika lill-kontro-parti jew lid-difensuri tal-kontro-parti u b’riserva ta’ kontro-ezami.

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati datata 23 ta’ April 2009 (fol. 16) fejn ecceppew:-

1. Illi l-esponenti mhumiex edotti mill-fatti u ghalhekk qed jirrizervaw li jipprezentaw r-risposta motivata f’stadju ulterjuri.

Rat il-lista ta’ xhieda tal-istess kuraturi a fol. 16 tal-process.

Rat in-nota tar-rikorrent Dr. Philip Manduca *nomine* datata 23 ta’ April 2009 a fol. 18 tal-process li biha esebixxa l-affidavit tal-ufficjal tad-Dwana George Agius (Dok. “GA”), u affidavit ta’ Neil Narriman (Dok “NN”).

Rat in-nota tal-kuraturi datata 29 ta’ April 2009 a fol. 24 tal-process li permezz taghha pprezenta zewg ittri (Dok. “MB” u Dok “BM”)

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fit-12 ta’ Mejju 2009 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-13 ta’ Mejju 2009.

Rat ix-xhieda kollha prodotta.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li fit-2 ta' Frar 2009 fil-kontejner Numru INKU 6098160 waqt spezzjoni mill-ufficjali tad-Dwana nstab li kien hemm kaxxi li fihom kien hemm kwantita' ta' krakar tas-sajf tal-marka "PUMA", liema oggetti kien hemm suspett li kienu kontrafatti u allura gew mizmuma mill-istess Awtoritajiet tad-Dwana. Fil-fatt minn ezamijiet li saru wara mis-socjeta' attrici (Dok. "NN") irrizulta li tali hwejjeg kienu foloz, u fil-fatt minn dan kien hemm 674-il kaxxa bi 16,176 par tal-marka "PUMA". Konsegwenti ghal dan id-drittijiet tas-socjeta' attrici fuq l-istess marka gew pregudikati u lesi. Dan jinsab konfermat mix-xhieda ta' l-ufficjal tad-Dwana George Agius (affidavit – Dok. "GA") u mid-dokumenti kollha l-ohra esebiti u fil-fatt l-istess provi ma huma bla ebda mod kontradetti u ghalhekk it-talbiet attrici qed jigu milqugha.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati fir-risposta guramentata taghom datata 23 ta' April 2009 biss in kwantu l-istess huma nkonsistenti ma' dak hawn deciz, **tilqa' t-talbiet attrici** b'dan illi:-

1. Tiddikjara li s-socjeta'/entita' konvenuta ikkontravjeniet it-*trademark* jew *trademarks* proprjeta` tas-socjeta` attrici u l-**Att tmienja (8) tas-sena 2000 Kapitolu 414 tal-Ligijiet ta' Malta** u b'hekk ikkagunat danni lis-socjeta` attrici.

2. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana sabiex a spejjez tas-socjeta'/entita' konvenuta fi zmien qasir u perentorju ta' sittin (60) gurnata mid-data ta' din is-sentenza jiddistruggi l-oggetti spaccjati u/jew prodotti u jew migjuba f'Malta fil-*container* INKU 6098160 mis-socjeta' konvenuta bi ksur tad-drittijiet tat-*trademark/s* tas-socjeta` attrici.

Bl-ispejjez kontra l-entita`/socjeta' intimata b'dan li l-kuraturi deputati jithallsu skont il-ligi.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------